3 ta' Marzu, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Joseph Degiorgio *versus* Victor Felice

**Board tal-Kera — Sentenza — Appell.**

*Meta sentenza tal-Board tal-Kera hija inappellabili, għax ma tkunx iddeċidiet ebda kwistjoni ta' dritt, il-Qorti ta' l-Appell "ex officio" għandha mhux biss id-dritt, imma wkoll id-dmir li tiddikjara l-inappellabilità ta' dik is-sentenza.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola l-Kera, ta' l-imsemmi Degiorgio, li talab li jiġi stabbilit il-kera xieraq ta' l-appartament nru. 1, fil-fond nru. 8, Pace Street, Sliema, mikri lill-imsemmi Felice £40 fis-sena;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fid-9 ta' Diċembru 1946, li biha l-kera ġie stabbilit fi £28 fis-sena mill-1 ta' Ottubru 1946; u jekk din il-lokazzjoni...........;

Rat ir-rikors ta' *Joseph Degiorgio* quddiem din il-Qorti, fejn talab li dik id-deċiżjoni tiġi riformata billi jiġi deċiż li in aġġunta għall-kera ta' £28 fis-sena stabbilit mill-Board għal

dair il-fond bhala "old house" iġi hlu akkordata l-perċentwali tal-5% fuq ir-rata proporzjonali li mis-somma ta' £1811 li huwa nefaq għal dan il-fond u għal dawk viċini formanti l-istess block, jiġi ritenut li tkun relativa għall-fond li jifforma l-meritu ta' din il-kawża, u hekk jiġi stabbilit il-kera xieraq skond il-liġi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 25, Ord. XXI ta' l-1931), hemm appell mid-deċiżjonijiet tal-Board biss fuq punt ta' dritt maqtugħ mill-istess Board. F'dan il-każ ebda punt ta' dritt ma ġie maqtugħ bid-deċiżjoni appellata, u għalhekk mhix appellabili; u l-Qorti "ex officio" għandha mhux biss id-dritt, iżda d-dover, li tiddikjara l-inappellabilità ta' dik id-deċiżjoni;

Għaldaqshekk;

Tiddikjara inappellabili, u konsegwentement null u ineffikaċi l-appell kontra l-imsemmija deċiżjoni mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fid-9 ta' Diċembru 1946; bl-ispejjeż kontra l-appellant.